MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Numru. 1122/2005

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cassar)
vs
Emanuel Degiorgio, iben John, imwieled Pieta' fl-4 ta' Ġunju, 1953, Karta ta' l-Identita' numru 418953(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fil-fond 'Gerit', Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsaskala nhar is-sibt, 17 ta' Diċembru, 2005 għal ħabta tad-9.30 p.m.:
1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' martu Filippa sive Phyllis Degiorgio minn Marsaskala f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, meta ħebb għaliha u ta diversi daqqiet ġo rasha b'oġġett iebes, kif ukoll diversi daqqiet ta' ponn, fejn ikkaġunalha ferita gravi li ġabet sfreġju gravi u permanenti

fil-wiċċ tagħha skond ma ċċeertifika Dr. Ian Gauci M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;
2. bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lill-istess martu Filippa fil-pussess ta' ħwejjiġha billi biddel is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar matrimonjali tagħhom;
3. hedded lill-imsemmija martu Filippa bil-mewt;
4. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. qal kliem jew espressjonijiet ta' dagħa.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmija Filippa Degiorgio, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-istess Emanuel Degiorgio b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata minn din il-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Marzu, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 85, 339(b), 338(dd), 338(bb), 17(ċ), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' April, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-familja ta' l-imputat hi kompost minn martu u tlett tifal u mill-provi prodotti f'dawn l-aħħar xhur l-armonija familjari ma kinitx mill-aħjar.  Jirrizulta li t-tifla l-kbira telqet mid-dar minħabba s-swat ta' missierha, iżda kienet tinżel id-dar

f'Marsaskala tgħin lil ommha billi ma kelliex impieg. It-tifel, tan-nofs, kien mar igħix fid-dar matrimonjali  tal-familja, Bormla.  It-tifla ż-żgħira kienet baqgħet ma ommha. Għalhekk, din il-familja kienet taħt tensjoni kostanti.  L-imputat ma kienx jaħdem għaliex kien weġġa fuq ix-xogħol u għahekk ġie 'boarded out'.  Hu kien jaf jaħdem l-injam u darba waqt li l-familja kollha kienet miġbura għall-ikel ippreżenta tebut żgħir ta' l-injam u qal lil martu li hi hemm ser tispiċċa.  L-imputat qal li għamel din il-biċċa bħal ċajta iżda mid-dehra 'l kumplament tal-familja ma ħasbitix hekk, speċjalment martu li ħassitha mhedda b'tebut żgħir fil-kamra tal-pranzu.

Illi ftit ġimgħat wara dan l-inċident għal ħabta ta' Awwissu, 2005 mart l-imputat telqet mid-dar fejn kienu jogħodu u marret tgħix f'appartament ieħor f'Marsaskala stess.  Mix-xhieda tagħha jirrizulta ampjament pruvat li hi kienet qed tiġi mhedda bil-kliem.  Dak iż-żmien kienu nbdew proċeduri għas-separazzjoni minn naħa tagħha.

Illi l-imputat kien iltaqa' ma ibnu John u kien infurmah li hu biddel is-serratura tad-dar għaliex ma ridtx jidħol u jsib lil xi ħadd hemmhekk.  Dwar dan il-fatt Filippa Degiorgio ma għamlet xejn u lanqas ma jirrizulta mill-provi prodotti li hi talbet lil żewġha kopja taċ-ċavetta ġdida.

Illi fis-17 ta' Diċembru, 2005, wara nofs in-nhar, bint il-koppja Degiogio, John Degiorgio flimkien ma kuġinuh Sean Grech, kienu għaddejin quddiem id-dar tal-familja. John irrimarka lil kuġinuh li d-dar kienet mixgħula bit-tizjin tal-milied, meta matul ħatju ma jiftakarx li missieru, l-imputat, qatt zejjen id-dar għal din il-festa.  Hu ħaseb li missieru kellu mara oħra.  Dan il-ħsieb u il-fatt tat-tizjin irrapurtah lil ommu Filippa Degiogio.  Għalhekk, hi għamlet il-ħsieb li tmur tifaċċja lil żewġha d-dar u għal dan il-għan ċemplet lil ħuha Jacob Grech, biex imur magħha.

Illi fis-17 ta' Diċembru, 2005 għal ħabta tad-9.15 p.m. ċirka, Filippa Degiorgio, ħuha Jacob Grech flimkien ma Sean Grech u John Degiorgio marru d-dar fejn kien joqgħod l-imputat u l-familja Degiorgio qabel meta kienu maqgħuda.  John Degiorgio ħabbat il-bieb tad-dar u l-

imputat fetaħlu. Hu daħal ma kuġinuh u ezatt wara daħlet Filippa Degiorgio u warajha ħuha Jacob.

Illi l-inkontru bejn il-konjuġi Degiorgio mal-ewwel deher li ma kienx wieħed kalm. Jirrizulta li Filippa Degiorgio dahret mad-dar għaliex ħasbet li żewġha kellu mara oħra fid-dar, li ma kienx il-każ. Hi qaltlu li kellu jitlaq ‘il barra mid-dar dak il-ħin stess u jmur f’waħda mid-djar l-oħra li kellhom. Daħlet fis-salott, tfiet id-dawl tat-tiżjin u pruvat tqatta ritratt. F’dan il-waqt, l-imputat igħid li hi waqgħet u ħabtet rasha ma oġġett taċ-ċeramika u għalhekk kellha l-feriti li sofriet. Min-naħa tagħha, Filippa Degiorgio tgħid li l-imputat aggrediha b’mudell żgħira ta’ gallarija u beda jtiha bil-ponn ukoll u spiċċat b’feriti fuq rasha, kif ukoll bi black eye (ara r-ritratti eżebiti). Jjirrizulta li t-tifel f’dak il-ħin daħal fis-salott u waqqaf lil missieru. Mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-imputat qal kliem ta’ dagħa.

Illi konsegwenza ta’ din l-aggressjoni Filippa Degiorgio marret il-poliklinika ta’ Raħal Ġdid fejn ġew applikati sitt punti fuq rasha. Mill-provi mediċi prodotti rrizulta, u anki vizwalment, rrizulta li Filippa Degiorgio għandha marka fuq moħħha vizzibbli. Għalhekk, il-feriti li ġarrbet Filippa Degiorgio għandhom jiġu konsiderati gravi minħabba l-fatt li hi għandha sfregju fuq moħħha.

Illi l-versjoni ta’ l-imputat li l-feriti ġew kawzati għaliex hu kien qed iżommha u waqgħet fuq kolonna li kien hemm fis-salott u hu waqa’ fuqha, bħal waħda mhiex kredibbli. Zgur li l-black eye ma setgħax jiġi kawzat mill-fatt li Filippa Degiorgio tilfet il-bilanċ u waqgħet.

Illi hu ċar li dan l-inċident seta’ jiġi evitat kieku Filippa Degiorgio użat il-buon sens u ma marritx id-dar bil-lejl u ordnat li l-imputat jitlaq ‘il barra dak il-ħin stess. Dan ma jiġġustifikax l-aġir vjolenti tiegħu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan l-inċident ġara fid-dar tal-konjuġi Degiorgio u għalhekk ir-raba’ akkuża ma tirrizultax. Daqs kemm, ma tirrizultax l-akkuża li biddel is-serratura tad-dar matrimonjali tagħhom, propju minħabba

l-fatt li d-dar matrimonjali tinsab Bormla, appartament tal-Gvern, fejn huma reġistrati bil-karta ta’ l-identita’ tagħhom.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tar-raba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-ewwel, tat-tielet u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 218(1)(b), 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ għaxar xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------